SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 30-14**

Illum il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-Laqgħa

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Caroline Galea nfurmat lil Kunsill permess ta' *e-mail*, li ma kienetx ser tlaħħaq biex tattendi minħabba mpenji tax-xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 29-14 li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Serata Dokultura*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.6 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li l-attivita' Serata Dokultura li kellha ssir f'Awissu 2014 issa ġiet posposta għal data li għad trid tiġi deċiża**.**

### 1.1.2 *BusTerminus*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 3.1 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li jidher li l-*Bus Terminus* reġa' qed jopera minn Triq Ġuljetta Lopez.

### *1.1.3 Laqgħa Valletta 18*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.11 u nforma l-Kunsill li kien attenda għall-laqgħa Valletta 18.

### *1.1.4 ECAD Membership*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1 u nforma l-Kunsill li jidher li mis-sena d-dieħla irid jitħallas l-ammont sħiħ tal-*membership fee* biex il-Kunsill jibqa' membru fl-organizzazjoni ECAD. Il-Kunsill qabel li jekk ser jintalab iħallas l-ammont sħiħ tal-*membership fee* il-Kunsill ikollu jirtira minn din l-organizzazjoni.

### *1.1.5 Santa Luċija Football Nursery*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li kien tkellem ma Kunsill li għandu n-*nursery* tal-*football* f'idejh għax jidher li f'din il-lokalita' partikulari m'hemmx min jieħu ħsieb in-*nursery*. Huwa qal ukoll li dan il-Kunsill partikulari huwa membru tal-*Youth Football Association*. Qamet diskussjoni dwar il-proposta tal-*Football Nursery* ta' Santa Luċija li jridu li l-Kunsill imexxi bi sħab ma' l-Kumitat tan-*Nursery.* Kien hemm qbil li biex Kunsill ikollu n-*Nursery* f'idejh irid ikun responsabbli ta' kollox li jinkludi l-finanzi u l-amministrazzjoni. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx ma din il-proposta. Huwa qal li t-tmexxija tal-*Football Nursery* u dik tal-Kunsill għandhom jinżammu separati. Huwa kompla jgħid li l-Kunsil għandu xogħol biżżejjed u m'għandux risorsi biex imexxi *football nursery*. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'tgħid il-liġi tal-Kunsilli lokali dwar sa fejn jista' jasal il-Kunsill f'dik li hi għajnuna lil-entitajiet sportivi.

## 2 KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn It-23 ta' Ġunju 2014 u l-25 ta' Lulju 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0741-14-O – Residenti Triq Helen Buhagiar – Ġbir ta Skart
- 0742-14-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Sistema ta' siġurta' fi Ġnien is-Serenita'
- 0769-14-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Manutenzjoni tal-Ġibjun f' Wied Garnaw
- 0780-14-O – Residenta Trejqet il-Ġirasol – Ittra ta' twissija
- 0824-14-O – Segretarju Permanenti Għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva – Talba għall-*garage* f'Santa Luċija biex jintuża bħala *store*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0759-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 24-2014: Kanali tal-Ilma(*water culverts*)
- 0764-14-I – Residenta – *Waste Disposal and Recycling Issues*
- 0772-14-I – *The Arts Council Malta – Cultural Calendar for Maltaculture.com*
- 0774-14-I – *Emcare – Telecare+Talk*
- 0775-I – Awtorita' tad Djar –*Lift* fi Blokk S Triq Katerina Vitale
- 0795-14-I – Green Pak – *Cardboard Collection from Santa Lucija Local Council*
- 0812-14-I – *Mepa – NP 00037-14: uprooting of trees in Triq il-Bruka*

- 0837-14-I – Santa Luċija Librarian – *Book Cataloging*
- 0838-14-I – Kunsill Malti Għall-I*sport* – *Move Week 2014*
- 0839-14-I – Knisja Parrokjali San Piju X – Lejla Sajfija
- 0841-14-I – Stephen Buhagiar – *Photographic Exhibition*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC Memo 09-2014: Proposta ta' l-Awtorita' tad-Djar relatata ma' talba għall-Installazzjoni ta' *lift* fi Blokk S Triq Katerina Vitale
- *Malta's EU Story: How ten years of EU Membership have changed the Country – The Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0759-14-I is-Sindku rrefera għall memo 24-2014 u qal li t-tindif tal-*culverts* jista jsir mill-ħaddiema ta' l-ETC.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0764-14-I is-Sindku qara korrispondenza li ntbagħtet minn residenta li llmentat dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni li hawn mir-residenti fir-rigward tas-servizz ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill innota s-suġġerimenti li tagħt din ir-residenta u qabel li jkompli bl-eżerċizju li fejn hu possibli jwaħħal avvizi informattivi fl-*areas* fejn jinġabar l-iskart.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0772-14-I il-Kunsill innota l-korripsondenza dwar attivitajiet kulturali għal perjodu bejn Ottubru 2014 u Diċembru 2014,

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0774-14-I il-Kunsill innota proposta minn *emCare Group Malta Ltd* li qed joffru li jagħtu informazzjoni lir-residenti dwar is-servizz ta' *Telecare+*.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0775-14-I is-Sindku rrefera għall-Memo SLLC 09-2014 li nbagħtet lil membri tal-Kunsill dwar il-proposta li qed tagħmel l-Awtorita' tad-Djar biex isiru xi alterazzjonijiet fil-livelli eżistenti tal-bankina quddiem Blokk S fi Triq Katerina Vitale. Huwa qal li din il-proposta hija marbuta ma' talba għall-installazzjoni ta' *lift* fi Blokk S. Is-Sindku qal li peress li ma kien hemm l-ebda oġġeżżjoni minn naħa tal-Kunsill, l-Awtorita' tad-Djar ġiet infurmata li l-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezjoni għal din l-proposta.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0795-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li peress li l-kaxxi tal-kartun li jkollhom tal-ħwienet ser jibda jinġabar kuljum għaldaqstant ser jitneħħew iż-żewġ *bins* il-bojod mix-*shopping areas.*

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0812-14-I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret lil Mepa biex jitneħħew żewġ siġar minn Triq Bruka. Huwa kompla jgħid li l-*area* li għażel il-Kunsill biex fiha jiġu *transplanted* dawn is-siġar ma ġietx approvata għaldaqstant il-Kunsill irid jipproponi *area* oħra fejn jistgħu jitħawlu dawn is-siġar.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0837-14-I is-Sindku rrefera għal talba li qed tagħmel il-librara tal-Librerija Pubblika biex taħdem xi siegħat żejda biex tkun tista' tagħmel il-*book cataloging* tal-kotba l-ġodda. Is-Sindku spjega li meta l-Kunsill jixtri kotba ġodda dawn iridu l-ewwel imorru l-librerija nazzjonali biex jiġu katalogati u wara jintbagħtu lura fil-librerija lokali. Huwa qal li dan il-proċess kien qed jieħu tul konsiderevoli ta' żmien. Huwa kompla jgħid li l-librara li għandu l-Kunsill hija kwalifikata biżżejjed biex tista tidħol għal dan l-impenn. Huwa qal li filfatt bħalissa qed tingħata taħriġ biex tkun tista twettaq dan ix-xogħol fil-librerija lokali bir-riżultat li l-kotba jiġu katalogati ħafna aktar malajr għal benefiċċju tar-residenti li jagħmlu użu mill-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna li l-librara tinfurmha dwar is-siegħat li għandha bżonn biex twettaq dan ix-xogħol u kif ikollha din l-infurmazzjoni tibgħat *memo* għall-approvazzjoni tal-Kunsill ħalli jibda dan il-proċess.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0838-14-I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-*Move Week* 2014 li ser issir f'bejn id-29 ta' Settembru 2014 u l-5 ta' Ottubru 2014.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0839-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Knisja ser torganizza Lejla Sajfija nhar is-Sibt 23 ta' Awissu 2014. Il-Kunsill qabel li joffri l-koperazzjoni tiegħu waqt din l-attivita'.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0841-14-2014 il-Kunsill qabel li jinxtaw il-*frames* għar-rittratti, li ser ikunu propjeta tal-Kunsill u li ser jiġu esebiti fil-librerija pubblika fi tmiem ta' kors dwar fotografija li ġie organizzat mill-Kunsill.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proposta tal-proġett Dar għall-Anzjani*

Is-Sindku tkellem dwar il-proposta ta' kostruzzjoni ta' dar għall-anzjani u qal li f'kommunikazzjoni li kellu bit-*telephone* ma' uffiċċjali tal-Mepa ġie nfurmat li l-Mepa ħarġet l-i*screening letter* fit-18 ta' Lulju 2014 fejn l-iżvilluppaturi qed jintalbu lista twila ta' rapporti li jridu jissottometuhom sat-18 ta' Jannar 2015. Huwa qal li l-Kunsill ser ikollu ż-żmien neċessarju biex jagħmel laqgħa pubblika dwar din il-proposta u jissottometti l-kummenti tiegħu lil Mepa. Ġie deċiż li din il-laqgħa tiġi organizzata wara l-perjodu tas-Sajf.

### 4.2 Proposta ta' attivita' permanenti minn *Malta Archery* fl-i*Sculpture Garden*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' uffiċċjali mill-*Malta Archery* dwar proposta biex isir skola żgħira ta' l-*Archery* fl-*iSculpture Garden*. Is-Sindku ta aktar informazzjoni dwar din il-proposta u sottometta l-pjanti tal-*layout* propost. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jidħol aktar fid-dettal qabel jieħu deċiżjoni dwarha.

### 4.3 Għamara tat-Toroq

Il-Kunsill kien infurmat li hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-25 bank ta' l-injam li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li l-aħħar kwotazzjoni li għandu l-Kunsill tammonta għas-somma ta' €5350.12. Huwa qal li għaldaqstant il-Kunsill ħareġ sejħa għal xiri ta' dawn il-bankijiet ħalli jara jekk jaqbillux jixtrihom ġodda. Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn isir eżerċizzju biex dawk il-*bins* imkissrin li hawn madwar il-lokalita' jinbidlu. Huwa qal li fejn hu possibli flok tnejn isir *bin* wieħed ħalli l-ispiża tkun ikkontrollata.

### *4.4 Kiri ta' garaxx biex jintuża bħala store*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Dipartiment ta' l-Artijiet laqgħa t-talba tal-Kunsill li jikri garaxx Numru 15 li jinsab fi Blokk Independenza fi Triq Dun Mifsud. Huwa qal li l-kera tammonta għas-somma ta' €820.00 fis-sena. Is-Sindku qal li b'dan il-pass il-Kunsill ser jindirizza l-problema ta' nuqqas ta' *storage* li għandu l-Kunsill u rrefera għal materjal kollu li fadal wara li tlesta l-proġett ta' Ġnien is-Serenita'.

### *4.5 Attivita' b'risq Puttinu Cares*

Is-Sindku fakkar fl-attivita tal-25 ta' Lulju 2014 li ser issir b'risq Puttinu Cares li ser tittella' minn Daniela Psaila ta' Fusco *Hairdresser* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lil membri tal-Kunsill biex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

### *4.6 Kwotazzjoni għall-xiri ta' Television*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *television* għall-ammont ta' €399.00.

### *4.7 Newsletter tal-Kunsill*

Is-Sindku qal li jħoss li wasal iż-żmien biex il-Kunsill joħroġ fuljett (*newsletter*) li fiha jkun hemm ġabra tal-ħidma tal-Kunsill ta' dawn l-aħħar tlett snin. Il-Viċi Sindku offra l-għajnuna tiegħu fis-*set up* ta' dan il-fuljett.

### *4.8 Siġurta' fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-andament tal-laqgħa li kellu ma' uffiċċjal għoli fil-Ministeru tat-Trasport dwar il-bżonn ta' servizz kontinwu ta' siġurta' fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li l-laqgħa kienet positiva ħafna u jidher li l-Ministeru ikkonċernat ser jikkopera ma' l-Kunsill fil-proposta li qed jagħmel.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5149 sa numru BOV 5194 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-24 ta' Ġunju 2014 u l-14 ta' Lulju 2014.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 29-14(23-06-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2014 | Ammont *Gross* | €5405.20 |
| Salarji għax-xahar ta' Lulju 2014 | Ammont Gross | €4389.79 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Rite Mix Gatt Bros. Ltd. | RR(PPP) (57-11-02) | Triq Inez Soler (3rd inst.) | 9284.40 |
| Ricky Caruana | RM/Pf(57-12-02) | 26-2014 | 1574.25 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz-Ġunju 14 | 2061.50 |
| Koptasin | Signs/Mkgs | 19540 | 80.00 |
| J & S Żammit | RC(57-14-01) | Servizz -Ġunju 14 | 1877.90 |

## 6. Rapport Finanzjarju għal perjodu 01-01-2014 sa 31-03-2014

Is-Sindku qal li r-rapport finanzjarju li kellu jiġi ppreżentat waqt din il-laqgħa ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss peress li l-*Accountant* tal-Kunsill ma setgħetx tattendi.

## 7. XOGHOLIJIET

### *7.1 Triq il-Ġnien*

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kellu jibda fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li l-Perit tal-Kuntrattur kemm il-darba nfurmah li x-xogħol kellu jibda u dan jibqa ma' jibdiex. Huwa qal li l-Kunsill mhux ser jaċċetta aktar skużi u jekk ix-xogħol jibqa ma jibdiex kienet ser tintbagħt ittra uffiċċjali lid-Diretturi tal-Kumpanija fejn tinfurmahom li din is-sitwazzjoni mhix aktar aċċettabli għall-Kunsill.

### *7.2 Manutenzjoni ta' Bankina Dawret it-Torri*

Is-Sindku rrefera għal bżonn li ssir manutenzjoni ta' bankina fi Triq Dawret it-Torri kantuniera ma Vjal Oleandri, fejn hemm il-mappa ta' Santa Luċija. Huwa qal li hawn il-bankina hija maqgħluha bl-għeruq tas-siġar u perikoluża ħafna. Huwa qal li kien talab kwotazzjoni dwar l-ispiża nvoluta biex din il-parti tal-bankina tinqala u ssir bil-mattonċina li nqagħlet minn Ġnien is-Serenita', kif kien sar aktar l-isfel f'din l-istess triq. Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' €1875.00 biex isir dan ix-xogħol.

### *7.3 Handrail fi Triq Ġuljetta Lopez*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-*hand-rail* li kellu jsir fi Triq Ġuljetta Lopez ħdejn il-Bus Terminus u staqsa kif dan għadu ma sarx. Is-Sindku qal li din l-*area* trid ftit tal-ħsieb biex dan il-*hand rail* isir b'mod effettiv u jnaqqas il-periklu tan-nes li jinżlu minn fuq il-*buses.* Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti u s-Sindku wiegħed li kien ser jara l-aħjar mod kif jista' jsir dan il-*hand rail*.

### 7.4 Ċanta fi Triq Prinjoli

Is-Sindku rrefera għaċ-ċanta fi Triq Prinjoli fejn qabel kien hemm il-*bring-in-sites*. Huwa qal li x-xogħol issa huwa lest.

### 7.5 Indafa Pubblika

Il-Kunsillier Victor Camilleri tkellem dwar is-servizz tal-knis u qal li jidher li l-kennies mhux qed ileħħaq għaldaqstant is-servizz mhux effiċjenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed iħallas €1000.00 fix-xahar għal dan is-servizz għaldaqstant mhux possibbli għall-kuntrattur li jkollu aktar nies fuq dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku qal li hemm ukoll problema bil-weraq tas-siġar. Is-Sindku qal li dan il-kuntratt jagħlaq f'April 2015 għaldaqstant f'Jannar 2015 għandha toħroġ sejħa għall-offerti u f'Mejju 2015 il-Kunsill ikollu kuntratt ġdid.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.45p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awissu 2014 fis-1.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ...................... 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**